MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Ġunju, 2019

Rikors Maħluf Numru 857/2016 LM

**Joseph Azzopardi (KI 707357M)**

***vs.***

**Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Settembru, 2016 mill-attur **Joseph Azzopardi** (K.I. 707357M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-attur huwa impjegat fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili bħala 'leading assistant rescue officer' (LARO);*
2. *Illi nhar il-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) waqt li l-attur kien qed jaħdem, speċifikament jaħsel il-vettura tat-tip 'Simon Snorkel Hydraulic Platform' bil-powerwash fuq inkarigu ta' l-Istation Officer Anthony Portelli, huwa korra meta waqa' u ġie mal-art;*

3. *Illi bħala riżultat ta' dan l-inċident, l-attur sofra ġrieħi fuq il-persuna tiegħu, tant li kellu bżonn ta' diversi interventi mediċi kawża ta' dan l-inċident, kif jidher mid-dokumenti li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. JA1 - JA3;*

4. *Illi b'riżultat dirett tal-imsemmi inċident, l-attur sofra debilità permanenti f'idu l-leminija hekk kif iċċertifikat minn Mr Thomas Azzopardi u mill-Konsulenti tad-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali, li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. JA4 u Dok. JA5 rispettivament;*

5. *Illi l-imsemmi inċident seħħ minħabba ħtija imputabbli esklussivament lill-konvenut peress li, fost affarijiet oħra, ma kienx hemm a safe system of work conduct fuq il-lant tax-xogħol;*

6. *Illi l-attur kien jagħmel xogħol ta' manutenzjoni u plastering fuq bażi part-time, u xogħol ġo ħanut tal-laħam, ukoll fuq bażi part-time liema xogħlijiet huwa ma jistax ikompli jagħmilhom minħabba d-debilità li sofra;*

7. *Illi minkejja li l-konvenut ġie nterpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur permezz ta' ittra uffiċjali datata 30 ta' Settembru, 2014 (Dok. JA6) huwa irrifjuta kull responsabbilità (Dok. JA7);*

8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuna:*

1. *Tiddikjara lill-konvenut bħala unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-11 ta' Ottubru, 2012 u li fih sofra diżabilità permanenti l-attur u konsegwentement tiddikjarah bħala responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, inkluż it-telf ta' qligħ tiegħu;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati lill-attur.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 3038/14 datata 30 ta' Settembru, 2014 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Direttur tal-Protezzjoni Ċivili**, (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-25 ta' Ottubru, 2016 u

maħlufa minn Emanuel Psaila (K.I. 414668M), fil-kapaċità tiegħu ta' Aġent Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, li biha eċċepixxa:

1. *Illi ma jeżisti l-ebda kontestazzjoni fuq il-fatt li l-attur kien u għadu impjegat mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u li fil-11 ta' Ottubru, 2012 huwa kien involut f'inċident fejn weġġa' idu l-leminija liema inċident seħħ fuq il-post tax-xogħol u fil-ħin tax-xogħol u li l-inċident seħħ waqt li huwa kien qiegħed inaddaf il-boom tal-vettura tat-tip 'Simon Snorkel Hydraulic Platform';*

2. *Illi l-esponent iżda jiċħad l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-attur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu ppreżentati mingħajr preġudizzju għal xulxin;*

3. *Illi l-fatt li l-attur weġġa' fuq il-post tax-xogħol ma jfissirx awtomatikament illi l-esponent huwa responsabbli minħabba li naqas li jieħu dawk il-miżuri u dawk il-prekawzjonijiet neċessarji li setgħu evitaw l-inċident in kwistjoni;*

4. *Illi l-esponenti m'għandu l-ebda tort għal dak li ġara u bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa b'xi mod responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni li sofra Joseph Azzopardi bħala riżultat tal-inċident;*

5. *Illi l-esponent dejjem għamel dak kollu li huwa obbligat li jagħmel sabiex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol, mhux biss, iżda dato l-ambjent partikolari tax-xogħol u ċioe fis-settur tal-protezzjoni ċivili, dejjem ra li l-ħaddiema tiegħu mhux biss ikunu mħarsa iżda jservu ta' eżempju għal ħaddieħor. Tant hu hekk li meta seħħ l-inċident il-ħaddiema kollha inkluż l-attur kien mgħammar b'ilbies protettiv adegwat għax-xogħol li kien qed iwettaq dak il-ħin;*

6. *Illi għalhekk l-attur ma weġġax minħabba negliġenza tad-Direttur esponent u l-istess Direttur ma naqasx bl-ebda mod milli jipprovdi 'a safe system of work' iżda l-inċident de quo kien wieħed fejn l-attur sempliċiment żelaq (kif qiegħed fil-fatt jispjega l-attur stess fir-rikors ġuramentat tiegħu) u ma qagħadx attent illi juża diliġenza neċessarja fuq il-post tax-xogħol;*

7. *Illi l-esponent m'għandux jagħmel l-ebda ħlas lill-attur u dan stante li l-attur ipperċepixxa dak li kien dovut lilu skont it-termini tal-kuntratt tal-ingaġġ tiegħu;*

8. *Illi finalment l-attur jeħtieġlu jipprova li d-diżabilità allegatament sofferta minnu hija riżultat tal-inċident de quo;*

9. *Illi għaldaqstant, l-esponenti m'għandux tort għall-inċident in kwistjoni u mhumiex responsabbli għall-istess inċident u għad-danni konsegwenzjali;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponenti jopponi t-talbiet rikorrenti u jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur li huwa impjegat tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili bħala *'leading assistant rescue officer'* (LARO), fil-11 ta' Ottubru, 2012 kellu inċident fuq il-post tax-xogħol tiegħu waqt li kien qiegħed jaħsel vettura tat-tip 'Simon Snorkel Hydraulic Platform' bil-*powerwash*, meta waqa' u ġie mal-art u konsegwenza ta' hekk sofra diversi ġrieħi, u minħabba f'hekk kellhom isirulu

diversi interventi kirurġiċi. L-attur jispjega kif minħabba f'dan l-inċident huwa baqa' jsofri minn diżabilità permanenti f'idu l-leminija. L-attur allega li dan l-inċident seħħ unikament ħtija tal-konvenut li naqas milli jipprovdi *a safe system of work* fuq il-post tax-xogħol inkwistjoni, u li konsegwenza ta' hekk seħħ l-inċident mertu tal-kawża. Permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-11 ta' Ottubru, 2012 u għad-danni kollha sofferti mill-attur, li jinkludu telf li hu inkorra minn xogħol *part-time* li kien jagħmel qabel l-inċident.

Il-konvenut min-naħa tiegħu eċċepixxa li l-fatt li l-attur weġġa' fuq il-post tax-xogħol tiegħu ma jfissirx li l-konvenut għandu jġorr responsabbilità għall-akkadut b'mod awtomatiku. Intqal ukoll li min-naħa tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jittieħdu diversi prekawzjonijiet kemm sabiex jiġi assigurat li l-ħaddiema jkunu siguri waqt il-qadi ta' dmirijiethom, kif ukoll sabiex jiġi assigurat li dawn iservu ta' eżempju għal ħaddieħor. Il-konvenut jgħid li l-attur kien liebes ilbies protettiv fil-ħin li fih seħħ l-inċident. Il-konvenut qal ukoll li l-attur m'użax id-diliġenza neċessarja fuq il-post tax-xogħol, tant li dan 'żelaq', u għalhekk in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet m'hemm l-ebda responsabbilità x'tinġarr da parti tal-konvenut u lanqas m'hemm lok fejn jiġu likwidati xi danni favur tiegħu.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors maħluf l-attur ippreżenta kopja tal-*case summary* li ngħatalu mill-isptar in segwitu għall-imsemmi inċident[1], minn fejn jirriżulta li konsegwenza ta' dan l-inċident, kellu jsir intervent kirurġiku fuq l-attur. Ġiet esebita wkoll kopja ta' rapport mediku redatt minn **Mr Thomas Azzopardi**, konsulent fl-ortopedija[2], li kkonkluda li l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%) konsegwenza tal-imsemmi inċident. F'dokument ieħor esebit mill-attur maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali[3], ġie kkonstatat li l-attur ġie eżaminat mill-Bord Mediku tad-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali, u li l-grad ta' diżabilità permanenti sofferta minnu hija ta' ħamsa fil-mija (5%). Ġiet esebita wkoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenut fit-30 ta' Settembru, 2014[4], fejn l-attur interpella lill-konvenut jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu konsegwenza ta' dan l-inċident, li l-attur jgħid li seħħ minħabba li ma kienx hemm '*a safe system of work'* fuq il-post tax-xogħol tiegħu, flimkien mar-risposta għal din l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-attur fit-30 ta' Ottubru, 2014, fejn il-konvenut sostna li m'għandux jinżamm responsabbli għall-inċident soffert mill-attur.[5]

L-attur ippreżenta *affidavit* ta' **Silvio Portelli**[6], kollega tiegħu fil-*firestation* tax-Xemxija, li qal li minbarra li jagħmel xogħol ta' *assistant rescue officer* bħall-attur, hu kien jagħmel ukoll xogħol ta' tibjid, kisi, tqegħid ta' ġebel u xogħol ta' kostruzzjoni fuq bażi *part-time,* u fis-sena 2012 kienet ħarġet sejħa għall-offerti sabiex isir xogħol ta' tibjid fil-*firestation* tax-Xemxija. Qal li kien hu li

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 10 tal-proċess.
[4] *A fol.* 11 tal-proċess.
[5] *A fol.* 12 tal-proċess.
[6] *A fol.* 13 tal-proċess.

rebaħ dan it-*tender,* u huwa kien talab lill-attur sabiex jassistih fix-xogħol li kien meħtieġ li jsir, u wara kienu qasmu l-qligħ u l-ispejjeż ta' din il-biċċa xogħol.

Ġie esebit ukoll l-*affidavit* ta' **Keith Farrugia**[7], sid ta' ħanut tal-laħam bl-isem 'The Meat Shop', li qal li ftit qabel dan l-inċident, l-attur kien beda jaħdem miegħu madwar erba' jew ħames darbiet fil-ġimgħa fil-ħanut tal-laħam. Qal ukoll li wara l-inċident inkwistjoni, l-attur ma baqax jaħdem miegħu.

L-attur fl-*affidavit* tiegħu qal[8] li hu kien ilu fil-kariga ta' *leading assistant rescue officer (LARO)* għal madwar tmien snin, wara karriera ta' xogħol fil-Pulizija u fit-taqsima tat-tifi tan-nar tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Qal li fost id-dmirijiet tiegħu kien hemm it-tifi tan-nar, assistenza f'inċidenti tat-traffiku, ħidma ta' salvataġġ waqt għarar fuq l-art u fuq il-baħar, u bħala parti mir-rutina tax-xogħol ta' kuljum kien isir xogħol ta' manutenzjoni u tindif fuq il-vetturi li jintużaw mid-Dipartiment. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, hu mar ikellem lill-*istation officer,* ċertu Anthony Portelli, sabiex flimkien ifasslu pjan tax-xogħol li kellu jsir dakinhar, u dan kien qallu li fost affarijiet oħra, kien hemm bżonn li titnaddaf il-vettura tat-tip 'Simon Snorkel' bin-numru ta' reġistrazzjoni GVH 542 li kien għadu kemm sar xi xogħol ta' manutenzjoni fuqha[9], bħal *sandblasting,* u xogħol fil-*hydraulics* u għalhekk kellha xi żejt u materjal ieħor li kellu jitnaddaf. L-attur spjega li din it-tip ta' vettura hi għolja madwar għaxar (10) sulari meta tinfetaħ, u meta tinfetaħ fit-tarf tagħha għandha gaġġa sabiex ikunu jistgħu jitniżżlu n-nies minnha waqt operazzjonijiet tat-tifi tan-nar. Żied jgħid li wara d-diskussjoni li kellu ma'

[7] *A fol.* 14 tal-proċess.
[8] *A fol.* 15 tal-proċess.
[9] Ritratt tal-vettura inkwistjoni *a fol.* 19 *et seq.* tal-proċess.

Portelli, hu sejjaħ lill-ħaddiema li kienu jaqgħu taħtu sabiex jibda x-xogħol ta' tindif, u sabiex isir dan ix-xogħol huwa kien liebes *safety shoes.* Qal li minkejja li kien liebes *safety shoes*, hu żelaq ħdejn il-*boom* tal-vettura, u waqa' rasu mal-art, għoli ta' sitt piedi minn fejn kien. L-attur qal li huwa u nieżel ipprova jiggranfa ma' sellum, iżda ma rnexxilux jikser il-waqgħa, u meta niżel fl-art hu ġie fuq idu l-leminija bl-impatt ikun qawwi tant li sofra korriment mill-minkeb 'il fuq. Qal li fil-ħin tal-waqgħa, sħabu li kienu qegħdin jaħdmu fuq l-istess vettura ilkoll marru biex jaraw xi ġralu u minn dak il-ħin stess immobilizzawlu jdejh f'apparat li għandhom fil-vetturi tal-Protezzjoni Ċivili li jintuża minnhom waqt ix-xogħol tagħhom. Kompla jgħid li dak il-ħin stess ittieħed l-Isptar fejn ġie operat minnufih, bl-operazzjoni ddum madwar erba' sigħat. L-attur żied jgħid li minkejja li ġie rilaxxjat mill-isptar jumejn wara, hu beda jingħata t-terapija u kellu jattendi għal sessjonijiet oħra fil-pixxina tal-Isptar San Luqa. L-attur kompla jgħid li f'Marzu tal-2013 intefħitlu idu u ħass li minnha marritlu kull reżistenza u meta rah il-Professur Thomas Azzopardi kien infurmah li kellu bżonn intervent ieħor, liema intervent sar fil-11 ta' Marzu, 2013. Qal li f'Awwissu tal-istess sena, reġa' ħass l-istess sintomi, u għal darb'oħra reġa' ġie operat b'urġenza. Qal li fil-frattemp baqa' jattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija. L-attur qal li filwaqt li l-Professur Azzopardi kien ikkonkluda li huwa kellu debilità permanenti ta' 4%, meta eżaminah il-bord mediku tas-Sigurtà Soċjali dan kien qallu li d-debilità permanenti sofferta minnu kienet ta' 5%. Qal ukoll li qabel żelaq minn fuq it-trakk, ma kien hemm xejn li kien jindikalu li kien hemm xi periklu għal saħħtu. L-attur kompla jispjega li hu bniedem lemini, u konsegwenza tal-inċident inkwistjoni huwa m'għadux kapaċi jħaddem idejh kif kien qabel u jagħmel l-istess xogħol. Qal li meta ma kienx ikun xogħol, hu kien jagħmel xogħol fuq bażi *part-time,* ibajjad u jiksi kif

ukoll bħala bejjiegħ tal-laħam, u wara l-inċident kellu jwaqqaf dan ix-xogħol kollu. Qal ukoll li minħabba fl-inċident, hu m'għadux jista' jerfa' piżijiet ta' aktar minn ħames kilogrammi minħabba li jdejh ma tippermettilux li jagħmel dan. L-attur ikkonkluda billi qal li sal-lum għadu jbati minn uġigħ kull meta jiġi biex jerfa', u sostna l-inċident inkwistjoni seta' jiġi evitat li kieku kien hemm *a safe system of work* imħaddma fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

Fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2017 xehed **Anthony Portelli**, impjegat bħala *station officer* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili[10], li qal li l-attur kien kollega tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Dan ix-xhud spjega li l-inċident li kien involut fih l-attur seħħ fil-11 ta' Ottubru, 2012, waqt li l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ta' tindif fuq vettura magħrufa bħala '*Simon Snorkel*', liema vettura kienet għadha ġejja minn xogħol ta' manutenzjoni. Ix-xhud spjega li t-tindif tal-vettura ma bediex mill-art, iżda mill-parti magħrufa bħala d-*deck,* li tiġi wara l-kabina tax-xufier. Qal li f'ħin minnhom sema' xi għajjat, u minnufih ġie mgħarraf li l-attur kien waqa' minn fuq il-parti tal-vettura magħrufa bħala il-*boom,* u dak il-ħin stess hu niżel jassistih sabiex jara x'kien ġralu. Ix-xhud qal li kien hu li skorta l-ambulanza sal-Isptar, u hekk kif l-attur qam mill-effetti tal-operazzjoni li saritlu, ix-xhud kien qiegħed ħdejh.

Ix-xhud kompla jispjega li fil-ħin tal-inċident l-attur kien qiegħed juża *powerwash* u tip ta' kimika li tneħħi l-ħmieġ (*degreaser*). Ix-xhud ikkonferma li d-Dipartiment qatt m'għamel *risk assessment* fir-rigward tal-mod kif għandhom jinħaslu dawn it-tip ta' vetturi, u qal li wara l-inċident ma kienx hemm għalfejn jissejħu uffiċjali tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ix-

[10] *A fol.* 36 tal-proċess.

xhud qal ukoll li fil-ħin tal-inċident l-attur ma kienx qiegħed jaħdem waħdu, iżda kien hemm numru ta' kollegi tiegħu qegħdin jassistuh.

Fl-istess udjenza xehed **Arthur Grech**, kollega tal-attur li bħalu huwa impjegat bħala *leading assistant and rescue officer*[11], li qal li huwa kien qiegħed jaħsel it-trakk flimkien mal-attur fil-ħin meta seħħ l-inċident. Qal li t-trakk kien qiegħed jinħasel minħabba li kien għadu kemm ġej minn proċess ta' żebgħa jew *spray*, u s-soltu ma kienx ikun hemm daqshekk nies qegħdin jaħslu vettura ta' dak it-tip. Ix-xhud ikkonferma li l-vettura li kien qiegħed isir xogħol fuqha hija għolja madwar sitt piedi mill-art, u qal li l-ħaddiema qatt ma ngħataw struzzjonijiet speċifiċi dwar kif għandhom jaħslu din it-tip ta' vettura. Qal ukoll li hu u l-kollegi tiegħu lkoll kienu lebsin *safety shoes* u l-ħwejjeġ li jużaw waqt operazzjonijiet tat-tifi tan-nar. Ix-xhud qal ukoll li hu ma rax lill-attur jaqa' iżda semgħu jgħajjat wara li waqa'.

Fl-istess udjenza xehed **Lawrence Camilleri**, impjegat bħala *assistant rescue officer* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili[12], li qal li dakinhar tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hu wkoll kien qiegħed jaħsel l-istess vettura li kien qiegħed jaħsel l-attur, meta ħin minnhom waqaf minħabba li sema' ħoss ta' persuna tgħajjat. Qal li dak il-ħin hu ma kienx qiegħed fl-istess naħa tal-attur. Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk l-attur kellux xi tagħmir f'idejh biex ikun jista' jgħinu waqt ix-xogħol, għalkemm ikkonferma li l-uffiċjali ma kellhom ebda tip ta' *harness* bħala protezzjoni. Żied jgħid li l-istruzzjonijiet mogħtija lilhom huma fis-sens li l-*harness* tintlibes biss meta jkunu qegħdin waqt xi missjoni ta' salvataġġ. Ix-xhud ikkonferma li d-*deck* minn fejn waqa' l-attur hu tal-*corrugated aluminium,* u li jekk wieħed ikun liebes *safety shoes* mhux faċli

[11] *A fol.* 49 tal-proċess.
[12] *A fol.* 56 tal-proċess.

li wieħed jiżloq minn fuqu. Qal ukoll li l-likwidu li kien qiegħed jintuża dak il-ħin kien *degreaser,* li fih element ta' sapun fih.

Fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2017 xehed **Peter Cordina**, li qal li kien direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili bejn is-sena 2000 u s-sena 2010.[13] Ix-xhud qal li hu jaf lill-attur bħala wieħed mill-uffiċjali tad-Dipartiment, u tul iż-żmien kollu meta hu kien direttur, jaf li l-attur kien jintalab jaqdi doveri li mhumiex marbuta max-xogħol tat-tifi tan-nar. Qal ukoll li hu qatt ma ngħata l-impressjoni li l-attur ma jaħdimx b'ċertu għaqal u serjetà, u kieku dan kien involut f'xi inċident, kien isir rapport u jiġi mgħarraf lilu bħala direttur. Ix-xhud qal ukoll li l-attur ġieli ntalab jagħmel xogħol ta' manutenzjoni u tibjid u ta' dan ix-xogħol kien jitħallas apparti jew jieħu *time off.* Ix-xhud qal li l-i*station officers* tad-Dipartiment kienu l-uffiċjali inkarigati mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, u kienu jieħdu ħsieb li jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ dwar dawn l-aspetti tax-xogħol.

Fl-istess udjenza xehed **Raymond Vella**[14], *assistant rescue officer* fl-istazzjon tax-Xemxija, li qal li hu u l-attur ilhom jaħdmu l-istess xift flimkien għal perijodu ta' sbatax-il sena. Ix-xhud qal li dak il-ħin tal-inċident hu ma kienx fuq is-sit, iżda qal ukoll li hu familjari mal-vettura li waqa' minn fuqha l-attur. Ix-xhud qal li minkejja li din il-vettura tintuża spiss waqt ix-xogħol li jsir mill-uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili, jekk wieħed jitla' fuq id-*deck* m'hemm l-ebda ilqugħ jew protezzjoni biex iżomm persuna milli taqa' għal isfel. Ix-xhud qal li hu jaf li ftit qabel seħħ dan l-inċident, kien sar xogħol fuq il-*boom* tal-vettura. Qal li hu kien qiegħed jagħmel xogħol ta' ittestjar ta' vetturi fuq barra fil-ħin meta seħħ l-inċident, u xħin irritorna l-istazzjon kien ġie infurmat li l-attur kien

[13] *A fol.* 66 tal-proċess.
[14] *A fol.* 68 tal-proċess.

waqa'. Ix-xhud qal ukoll li ma jidhirlux li qatt ġew organizzati korsijiet dwar kif il-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandhom iħarsu lilhom infushom fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qal li minkejja li l-attur jiġi superjuri tiegħu, madanakollu hu t-tip li jmidd idejh u bieżel ħafna fix-xogħol. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li meta hu ra lill-attur wiċċu mal-art, dan kien qiegħed lejn in-nofs tal-vettura, fil-parti fejn hemm it-taraġ.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Joseph Barbieri**[15], li qal li hu jaħdem bħala *assistant rescue officer* fl-istazzjon tax-Xemxija, u fil-ħin meta seħħ l-inċident hu kien qiegħed fil-parti t'isfel tal-vettura, in-naħa tal-passiġġier. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar il-vettura kienet qiegħda tiġi maħsula minħabba f'xi xogħol ta' manutenzjoni li sar fuqha, bħall-bdil ta' żjut u xogħol fuq il-*hydraulics* u l-vettura kienet ingħatat l-i*spray* ukoll. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li l-attur kien qiegħed juża *power washer* u *degreaser.* Żied jgħid li ħadd qatt m'għallem lill-uffiċjali li jintalbu jagħmlu dan ix-xogħol kif għandhom jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-wiċċ tad-*deck* hu mmewweġ (*corrugated*), u dakinhar kien hemm il-ħtieġa li jintuża *degreaser* minħabba fil-manutenzjoni li kienet għadha kif saret fuq il-vettura.

Fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2017 xehed **Tony Pisani**, *operations manager* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili[16], li qal li hu stazzjonat Ħal Far, iżda li dakinhar li seħħ l-inċident tal-attur hu kien irċieva telefonata mingħand l-uffiċjal li kien *in charge* fl-istazzjon tax-Xemxija, li kien infurmah li l-attur kien waqa' minn fuq *hydro-platform* u ttieħed l-Isptar. Ix-xhud qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, fid-Dipartiment ma kien hemm ebda uffiċjal inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qal ukoll li l-liġi li tirregola s-

[15] *A fol.* 72 tal-proċess.
[16] *A fol.* 90 tal-proċess.

saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tkopri lill-uffiċjali tad-Dipartiment biss sakemm dawn ikunu fl-istazzjon, u mhux meta joħorġu jaħdmu fuq barra wkoll. Ix-xhud qal li kors dwar *fire safety* m'għandu x'jaqsam xejn mas-suġġett tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u minkejja li l-ħaddiema tad-Dipartiment jingħataw taħriġ fuq is-sigurtà waqt il-*fire fighting,* dawn ma jiġux imħarrġa wkoll dwar aspetti oħra ta' ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Ix-xhud ikkonferma li fuq il-vettura li waqa' minn fuqha l-attur kien għadu kemm sar xogħol ta' manutenzjoni u qal ukoll li jista' jkun li din kien għad għandha traċċi taż-żejt li biex jitneħħa kellha tintuża kimika apposta.

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2017 xehed **Patrick Murgo**[17], li qal li bejn l-2010 u l-2013 kien direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Qal li hu kien ġie infurmat bl-inċident tal-attur, li kien waqa' waqt li kien fuq il-*working platform* ta' vettura, żelaq u ġie fl-art, u konsegwenza ta' hekk l-attur ġarrab ksur f'idejh. Ix-xhud qal li wara li ġie mgħarraf bl-inċident, kien għamel il-verifiki tiegħu sabiex jistabbilixxi jekk l-uffiċjal kienx weġġa' waqt il-qadi tad-dmirijiet regolari tiegħu jew le, u kien irriżultalu li l-attur kien qiegħed jaqdi d-dmir tiegħu li jassigura li l-vetturi tas-servizz ikunu tajbin għall-użu għal kull eventwalità li tista' tinqala'. Ix-xhud qal li l-impjegati jingħataw *personal protective equipment* bħal *safety boots* li jintlibes sabiex jiġi evitat iż-żlieq, u qal ukoll li l-ħaddiema għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom tagħmir ieħor, bħal *harnesses* li jistgħu jintlibsu f'każ li jħossu l-ħtieġa li jagħmlu dan. Qal li l-uffiċjali jingħataw taħriġ sabiex ikunu jistgħu jikkontrollaw ir-riskji li jiltaqgħu magħhom. Żied jgħid li l-liġi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

[17] *A fol.* 98 tal-proċess.

teżenta lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Qal ukoll iżda li l-ħaddiema għandhom l-ilbies protettiv kollu meħtieġ sabiex jipproteġu lilhom infushom waqt operazzjonijiet ta' salvataġġ li jiġu msejħa biex iwettqu. Ix-xhud qal li minkejja li d-Dipartiment kellu numru ta' stazzjonijiet madwar Malta u Għawdex, ma kien hemm l-ebda uffiċjal inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà tal-uffiċjali f'dak iż-żmien. Qal ukoll li l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol ma ġietx infurmata b'dan l-inċident minħabba fl-eżenzjoni tal-liġi. Ix-xhud qal li parti mix-xogħol ta' rutina li jsir kuljum hu li jiġu ċċekkjati l-vetturi sabiex jiġi assigurat li jkunu qegħdin jiffunzjonaw tajjeb u li dawn ma jkollhomx sustanzi kontaminanti li jistgħu jtellfu mill-operat u l-funzjonament tagħhom.

Permezz ta' nota tat-23 ta' Novembru, 2017, il-konvenut ippreżenta kopja ta' dokument sabiex juri x'tip ta' xogħol sar fuq il-vettura tat-tip *Simon Snorkel* li waqa' minn fuqha l-attur.[18]

Permezz ta' digriet tat-12 ta' Frar, 2018, il-Qorti ħatret lil **Mr Fredrick Zammit Maempel** bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad. L-espert mediku ġudizzjarju ppreżenta r-rapport tiegħu fit-13 ta' Marzu, 2018[19], fejn ikkonstatata li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur kien qiegħed jaħsel vettura simili għal trakk, meta żelaq u spiċċa fl-art minkejja li pprova jikser il-waqgħa, u konsegwenza ta' dan kiser driegħu tal-lemin. Mr Fredrick Zammit Maempel ikkonstata wkoll li l-attur kellu xi infezzjonijiet fil-parti fejn ġie

[18] *A fol.* 101 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 115 *et seq.* tal-proċess.

operat, tant hu hekk kellhom isirulu interventi kirurġiċi oħra. Ġie kkonstatat ukoll li l-attur baqa' jattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija biex jirkupra l-użu ta' idu l-leminija. L-espert mediku kkonstata li l-attur għadu jilmenta minn uġigħ fil-minkeb tal-lemin meta tkun il-kesħa u meta jkun ser jerfa' xi piż, filwaqt li l-minkeb għadu ma jistax jinfetaħ bħal dak tax-xellug. In konklużjoni, l-espert mediku qal illi:

> "Jien eżaminajt lis-Sur Azzopardi 65 xahar wara l-inċident. Huwa waqa' minn għoli ta' 5 piedi u kiser l-għadma *humerus* tal-lemin. Il-ksur ġie ttrattat b'operazzjoni u għaqad f'pożizzjoni tajba. Żviluppa infezzjoni xi xhur wara l-operazzjoni, meta l-ksur kien diġà għaqad, u kienet tinħtieġlu operazzjoni oħra fejn tneħħa xi ħadid li madwaru sabu l-infezzjoni. Ħa antibijotiċi u l-infezzjoni fieqet. Minkejja li attenda għal fiżjoterapija għal ħafna sessjonijiet, il-minkeb baqa' xi ftit iebes u baqa' restrizzjoni fil-moviment ta' dan il-ġog; fis-sens illi ma jistax jitnieh u lanqas jista' jiddrittah għal kollox. Din tal-aħħar ittellfu speċjalment meta qiegħed jerfa' jew iġorr xi ħaġa bid-driegħ dominanti tal-lemin. Stante li l-wiċċ artikolari tal-ġog kien involut fil-ksur, ikun hemm dejjem aktar possibilità li jiżviluppa artrite f'dan il-minkeb fil-ġejjieni."

L-espert mediku ġudizzjarju kkonkluda billi qal li in vista ta' dawn ir-riżultanzi, l-attur qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' 5% konsegwenza tal-inċident li seħħ f'Ottubru tal-2012.

Fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju, 2018, xehed **David Saliba**[20], uffiċjal mill-Awtorità dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol, li qal li lilu ma jirriżultalux li l-Awtorità ġiet notifikata bl-inċident li kien involut fih l-attur jew li saret xi investigazzjoni fir-rigward. Ix-xhud speċifika li huma tlieta ċ-ċirkostanzi li fihom l-Awtorità tiġi infurmata b'xi inċident bħal dan, li huma meta l-vittma jidħol l-isptar, u għalhekk isir rapport dwar l-inċident li jkun seħħ, meta tiġi involuta l-

[20] *A fol.* 123A tal-proċess.

Pulizija fl-inċident, u meta jsir rapport minn min iħaddem minħabba li impjegat idum rikoverat fl-isptar għal aktar minn tlett ijiem.

Permezz ta' nota tal-25 ta' Ġunju, 2015, il-konvenut għamel sensiela ta' domandi in eskussjoni lill-espert mediku ġudizzjarju[21], u dan wieġeb għalihom permezz ta' nota pprezentata fl-24 ta' Settembru, 2018.[22] Fost spjegazzjonijiet oħra li ta, Mr Fredrick Zammit Maempel qal li l-ksur soffert mill-attur kien wieħed 'kiefer', li fih ġarrab ħsara l-wiċċ tal-ġog kif ukoll it-tessuti ta' madwaru, u t-trawma u t-tiċrit li l-attur sofra fl-inċident, kif ukoll il-qtugħ tal-interventi kirurġiċi li sarulu, ikkontribwew għal-limitazzjoni li l-attur qiegħed jesperjenza fil-firxa tal-moviment tiegħu. Mr Fredrick Zammit Maempel spjega wkoll li l-infezzjonijiet li ġarrab l-attur huma riżultat ta' mikrobi li daħlu fis-sistema tiegħu, aktarx minħabba li l-għadma tiegħu ġiet esposta, jew minħabba li kien hemm *foreign body* li ġie inserit fil-ġisem, bħal pjanċi, viti u *wires*. L-espert mediku ġudizzjarju wera l-fehma wkoll li wara ħames snin m'hemmx aktar possibilità li l-kundizzjoni ta' saħħet l-attur turi titjib, jew li l-attendenza għal aktar sessjonijiet ta' terapija tista' tgħinu, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li dan juża idu u l-minkeb diversi drabi kuljum. L-espert mediku ppuntwalizza li huwa bbaża r-rata ta' diżabilità permanenti li għadu jsofri minnha l-attur fuq ir-restrizzjoni fil-movimenti tiegħu, fuq il-fatt li 'l quddiem tista' tiżviluppa l-artrite u fuq il-fatt li baqgħalu xi ħadid u *foreign bodies* fil-minkeb li jistgħu jżidu r-riskju ta' xi infezzjoni. Qal ukoll li aktar ma jgħaddi żmien mill-inċident, aktar tiżdied iċ-ċertezza li d-debilità tal-vittma tkun waħda permanenti.

---

[21] *A fol.* 125 tal-proċess.
[22] Kopja *a fol.* 131 tal-proċess.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018[23], fejn spjega li d-dmirijiet tiegħu fir-rwol ta' *leading assistant rescue officer* jinvolvu xogħol ta' salvataġġ, tifi tan-nar, *duties* ta' kuljum, manutenzjoni tal-vetturi wżati mit-taqsima u rapporti dwar dawn l-istess vetturi. L-attur qal li hu ngħata taħriġ għal diversi sitwazzjonijiet li jista' jiltaqa' magħhom fix-xogħol tiegħu. L-attur qal ukoll li dakinhar tal-inċident ma kinitx l-ewwel darba li hu ħasel il-vettura inkwistjoni. L-attur qal li huwa ngħata taħriġ speċjalizzat fuq l-użu ta' dik il-vettura. Kompla jispjega kif dakinhartal-inċident, hu kien intalab inaddaf il-vettura minħabba li din kienet għadha kif ingħatat *sand blasting.* Qal li hu ħa l-prekawzjoni li beda jaħsel bil-*powerwash* fil-parti tal-kabina sabiex hu dejjem ikun f'pożizzjoni li jimxi fuq in-nadif. Qal li dahru kien lejn il-kabina u beda jimxi f'partijiet li kienu diġà tnaddfu miż-żejt. L-attur ikkonferma li l-pjattaforma għandha art immewwġa sabiex toffri protezzjoni, iżda minkejja dan u minkejja l-fatt li hu kien liebes *safety shoes* xorta waħda spiċċa waqa' għal isfel. L-attur żied jgħid li meta daħal lura għax-xogħol hu ngħata *light duties* u xogħol fil-*control room,* u kkonferma wkoll li tul dan iż-żmien kollu huwa baqa' jingħata l-paga u l-*allowances* daqslikieku kien qiegħed jidħol xogħol b'mod regolari. Kompla jgħid li minkejja li wara xi żmien beda joħroġ fuq missjonijiet ta' salvataġġ, madanakollu x-xogħol m'għadux jiflaħ jagħmlu bħal qabel. L-attur qal ukoll li f'dan il-każ, minkejja li x-xogħol ta' manutenzjoni meħtieġ fuq il-vettura sar minn ħaddiema ingaġġjati minn barra d-Dipartiment, il-vettura ġiet ritornata lura biż-żejt u bil-ħmieġ kollu li kien inġema' fuqha.

[23] *A fol.* 136 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018 xehed **Paul Scicluna**[24], in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-VAT, li qal li l-attur qatt ma kien irreġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-finijiet ta' ħlas tal-VAT.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Patrick Murgo**[25], li spjega li *leading assistance and rescue officer* ikun inkarigat minn *shift* ta' nies fuq materji ta' kuljum, kif ukoll imexxi l-istess grupp ta' nies waqt missjonijiet ta' salvataġġ. Qal ukoll li fiż-żmien li fih hu kien direttur, l-uffiċjali kienu jingħataw *personal protective equipment* sabiex jintuża minnhom waqt ix-xogħol. Kompla jispjega li dejjem kienet issir enfasi fuq il-fatt li kull uffiċjal għandu jassessja l-perikli li jkun ser jaħdem fihom. Qal illi persuna fil-grad tal-attur kellha l-kompitu li tassigura li l-grupp tiegħu u l-ħaddiema fix-*shift* tiegħu joperaw f'parametri ta' sigurtà. Żied jispjega li l-ħaddiema kollha kienu jingħataw taħriġ fuq l-użu tat-tagħmir li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, u l-attur ma kellu l-ebda limitazzjonijiet fuq l-użu tat-tagħmir li kien għad-dispożizzjoni tiegħu. Qal ukoll li fid-Dipartiment kienet iddaħħlet *buddy system* fejn persuna li tkun qiegħda taħdem waħedha fuq biċċa xogħol li toffri ċertu periklu, tintalab taħdem ma' persuna oħra jew titlob għall-għajnuna.

Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2018 xehed **Emanuel Psaila,** Direttur tal-Protezzjoni Ċivili[26], li qal li *leading assistant rescue officer* għandu jirrapporta direttament lill-*istation officer.* F'dan ir-rwol hu jkun inkarigat mit-*team* tas-*shift* tiegħu, kif ukoll ikun responsabbli mill-makkinarju, l-apparat u l-vetturi kollha tal-istazzjon, filwaqt li f'każ li jinqala' xi inċident, l-LARO ikun iċ-*chief command* f'operazzjonijiet ta' salvataġġ. Ix-xhud esebixxa dokument sabiex

[24] *A fol.* 155 tal-proċess.
[25] *A fol.* 157 tal-proċess.
[26] *A fol.* 170 tal-proċess.

jindika l-grad ta' kull uffiċjal fid-Dipartiment.[27] Spjega kif kull uffiċjal fid-Dipartiment għandu *personal protective equipment* bħal *fire helmet, rescue helmet, fire gloves, rescue gloves, fire kit.* Ix-xhud żied jgħid li hemm apparat ieħor għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali, bħal *breathing apparatus* li jgħin fit-tifi tan-nar, *visor* taċ-*chain saw,* u ingwanti għall-użu ma' ċertu tagħmir protettiv. Spjega li darbtejn f'sena jsir *standard testing* fuq il-vetturi tad-Dipartiment, u dan il-proċess jinvolvi li t-tagħmir jiżżarma biċċa biċċa u jsir ittestjar fuq kull biċċa. Qal ukoll li hemm proċeduri apposta li għandhom jiġu segwiti fit-tindif taż-żejt. Normalment biex jitnaddaf iż-żejt fuq il-vetturi jintuża *degreaser* li wieħed iħallih joqgħod u wara jkun jista' faċilment inaddaf il-wiċċ li jkun biż-żejt. Ix-xhud intalab jispjega x'inhi l-proċedura f'każ li xi uffiċjal ikun jixtieq jagħmel *part-time job* wara l-ħin tax-xogħol u dan min-naħa tiegħu qal li kif inhi l-prassi fil-gradi kollha taċ-Ċivil, kull uffiċjal tad-Dipartiment li jkun jixtieq jagħmel xogħol barrani għandu jitlob permess għal dan, u żied jgħid li f'dan il-każ lilu ma jirriżultalux li l-attur qatt għamel talba biex ikun jista' jagħmel xogħol barrani wara l-ħin tax-xogħol.[28] Ix-xhud ikkonferma li l-attur daħal lura xogħol fil-25 ta' Novembru, 2012 u għall-bidu ngħata *light duties* fl-uffiċċju tal-istazzjon tax-Xemxija, minħabba li kien għadu mhux fi stat li joħroġ jagħmel xogħol ta' tifi tan-nar. Żied jgħid li l-attur ġie ċċertifikat li seta' jagħmel xogħol tat-tifi tan-nar f'Marzu tal-2013. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-attur baqa' jieħu l-istess *allowances* u l-istess paga wara l-inċident. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm episodju wieħed meta ttieħdu passi dixxiplinarji kontra l-attur minħabba li rriżulta li ma kienx liebes ilbies protettiv.[29] Ix-xhud esebixxa wkoll

---

[27] *A fol.* 179 tal-proċess.
[28] Kopja tal-formola li tintuża, *a fol.* 180 tal-proċess.
[29] *A fol.* 214 tal-proċess.

kopja ta' *roster* għal diversi perijodi fl-2012 sabiex jindika l-ħinijiet li fihom l-attur kien ikun xogħol.[30]

Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2018 xehdet **Dr Vanessa Grech,** in rappreżentanza tad-Dipartiment tat-Taxxa[31], li qalet li lid-Dipartiment ma jirriżultalux li l-attur kien iħallas taxxa fuq xogħol *part-time* fil-perijodu bejn l-2009 u l-2014.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **David Saliba**[32], li qal li l-Pulizija, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-Armata ma jaqgħux taħt l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Qal ukoll li hemm dispożizzjoni f'dan l-Att li tipprovdi li l-Kummissarju tal-Pulizija, il-Brigadier tal-Armata u d-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili huma mħeġġa jħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħhom. Qal li l-OHSA tinvestiga dawk il-każijiet li jiġu mgħarrfa lilha, u żied jgħid li normalment korrimenti ħfief ma jiġux investigati.

Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Emanuel Psaila**[33], li qal li l-*personal protective equipment* li jingħataw l-uffiċjali mhux intiż biex jintuża kollu waqt missjonijiet ta' salvataġġ, u l-uffiċjali għandhom ukoll għad-dispożizzjoni tagħhom *station wear* u *safety boots.* Ix-xhud qal li qabel laħaq direttur tad-Dipartiment għal xi snin hu kien jaħdem bħala *fire fighter*, u f'dan ir-rwol ġieli ntalab inaddaf xi vetturi tas-servizz. Qal ukoll li hu qatt ma ntrabat biex jagħmel xogħol bħal dan. Żied jgħid li meta uffiċjal iħoss li jkun hemm periklu f'xi biċċa xogħol partikolari, sta għalih biex jieħu l-miżuri protettivi kollha neċessarji sabiex jevita l-periklu. Kompla jgħid li l-attur seta' libes il-

[30] *A fol.* 187 *et seq.* tal-proċess.
[31] *A fol.* 215 tal-proċess.
[32] *A fol.* 218 tal-proċess.
[33] *A fol.* 222 tal-proċess.

*harness* fil-gaġġa, jew juża *turn table ladder* sabiex jimminimizza l-periklu għalih. Ix-xhud qal li kemm ilu jmexxi d-Dipartiment hu, ħa ħafna miżuri sabiex jassigura li l-uffiċjali tad-Dipartiment ikollhom l-aqwa tagħmir protettiv, partikolarment fir-rigward tas-*safey shoes* u tagħmir ieħor li qiegħed jinbidel kollu. Ix-xhud ikkonferma wkoll li jkun hemm istanzi fejn id-Dipartiment iqabbad uffiċjali tiegħu jagħmlu xogħol *part-time* fir-rigward ta' liema jiġu osservati r-regoli tal-*procurement,* u jkun hemm ħlas apposta għal dan ix-xogħol.

Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018 xehed **Joseph Debono**[34] in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, li ppreżenta kopji tad-dokumenti tat-taxxa għas-snin 2009 sa 2016 fir-rigward tal-attur.[35] Minn dawn id-dokumenti jirriżulta li l-uniku impjieg li l-attur kien iħallas taxxa fuqu kien l-impjieg *full-time* tiegħu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Il-kontroeżami ta' **Emanuel Psaila** tkompla fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2019[36], fejn ikkonferma li t-tip ta' *absorbent,* li hu rrefera għalih bħala 'tal-karawett' u li jintuża biex jixrob żjut u prodotti oħra li jiżolqu, beda jintuża mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fl-24 ta' Ġunju, 2013. Ix-xhud esebixxa wkoll sett ritratti sabiex jindika x'tip ta' *harnesses* jiġu wżati mid-Dipartiment.[37] Qal ukoll li d-deċiżjoni li jinbidlu s-*safety shoes* li jilbsu l-uffiċjali tad-Dipartiment ittieħdet wara li xi uffiċjali għamlu taħriġ barra minn Malta u ġie nnutat x'tip ta' ilbies protettiv qiegħed jintuża minn uffiċjali li jaħdmu fil-qasam tat-tifi tan-nar barra minn Malta. Ix-xhud ippreċiża li dakinhar li seħħ l-inċident, l-*absorbent* magħruf bħala 'tal-karawett' ma kienx disponibbli, u fuq żjut li

[34] *A fol.* 232 tal-proċess.
[35] *A fol.* 234 *et seq.* tal-proċess.
[36] *A fol.* 244 tal-proċess.
[37] *A fol.* 251 *et seq.* tal-proċess.

jinxterdu kien jintuża r-ramel u *degreaser.* Żied jgħid li l-*harness* bil-*fall arrest* ta' 1.8 metri ma jaħdimx fuq *hydraulic platform* ta' 1.8 metri, għalkemm żied jgħid li l-attur kellu mezzi protettivi oħra għad-dispożizzjoni tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

L-attur weġġa' waqt il-qadi ta' dmirijietu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, fejn hu impjegat bħala *lead assistant rescue officer*, liema dmirijiet jinkludu xogħol ta' tindif u aċċertazzjoni li l-vetturi kollha għad-dispożizzjoni tas-servizz ikunu f'kundizzjoni ottima sabiex jintużaw skont il-ħtieġa. Jirriżulta li l-attur kien fuq l-aktar parti għolja ta' vettura li tintuża waqt operazzjonijiet tat-tifi tan-nar, u kien qiegħed jagħmel xogħol ta' tindif bil-*powerwash* wara li kien intefa' fuqha *degreaser* sabiex iż-żejt li kellha fuqha seta' jitnaddaf aħjar, meta żelaq u minkejja li pprova jikser il-waqgħa billi jżomm ma' sellum li kien mal-vettura, baqa' nieżel għal isfel xi sitt piedi u kiser driegħu. Tali ksur kien wieħed aggressiv tant li l-attur ħtieġlu jiġi operat tliet darbiet konsegwenza ta' din il-waqgħa. Fil-ħin tal-inċident l-attur kien liebes *safety shoes* ipprovdut mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u minkejja li fid-Dipartiment hemm diversi tagħmir li soltu jintuża f'operazzjonijiet ta' salvataġġ, madanakollu jidher li ma kinitx il-prassi li l-uffiċjali jintrabtu jew jużaw dan it-tagħmir waqt ix-xogħol ta' rutina li jsir ġewwa l-istazzjon. Xi ħaġa din li ġiet ikkonfermata saħansitra mid-direttur attwali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li xehed li għal diversi snin huwa għamel xogħol simili għal dak li kien qiegħed jagħmel l-attur, imma hu personalment waqt li jkun qiegħed jaħsel il-vetturi tas-servizz, qatt m'għamel użu minn apparat li soltu jintuża waqt operazzjonijiet tat-tifi tan-nar jew missjonijiet ta' salvataġġ, għalkemm tali apparat hu disponibbli

għall-uffiċjali tad-Dipartiment il-ħin kollu. Jirriżulta wkoll li l-attur ħa miżuri protettivi oħra, apparti l-ilbies tiegħu, sabiex jassigura li jkun qiegħed jaħdem b'mod sigur, tant li minkejja li kien familjari ma' din il-vettura, xorta waħda ħass il-ħtieġa li jimxi bi prudenza u li jaħdem minn fuq il-partijiet nodfa sabiex jiġi evitat iż-żlieq.

Il-Qorti tirrileva, anki minn dak li ntqal minn diversi mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom f'din il-kawża, li minkejja li l-uffiċjali tad-Dipartiment konvenut jidher li jiġu mħarrġa sew dwar kif għandhom iġibu ruħhom waqt missjonijiet ta' salvataġġ, u dwar x'għandhom jagħmlu biex ikunu tal-aħjar servizz u jnaqqsu l-periklu għall-pubbliku, madanakollu jidher li dawn l-uffiċjali ma jingħataw l-ebda taħriġ speċifiku dwar kif għandhom jipproteġu lilhom infushom waqt il-qadi ta' dmirijiethom meta jkunu ġewwa l-istazzjon. Jidher ċar li dan l-inċident ma kienx iseħħ li kieku pereżempju kienet teżisti l-prassi li l-ħasil tal-vetturi kellu jsir minn fuq *turn-table* li tista' tiġi elevata. Minkejja li din l-*elevated turn-table* kienet għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali tal-istazzjon, l-ebda uffiċjal qatt ma ħass il-ħtieġa li jagħmel użu minnha waqt ix-xogħol tal-ħasil tal-vetturi, kif ikkonfermat mill-ogħla uffiċjali tad-Dipartiment konvenut. Il-Qorti tirrileva li kien biss wara l-inċident mertu tal-kawża li ġie maħtur uffiċjal inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà fl-istazzjonijiet tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u li qatt ma sar xi tip ta' *risk assessment* dwar il-perikli li l-ħaddiema tad-Dipartiment jiffaċċjaw waqt il-ġurnata tax-xogħol tagħhom ġewwa l-istazzjon. Il-Qorti tagħmel riferiment dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li jgħid:

> "Dan l-Att japplika għal postijiet tax-xogħol kollha, għas-setturi kollha ta' kull attività, kemm pubbliċi kif ukoll privati, u għal kull attività ta' xogħol, iżda ma japplikax fil-każ ta' dawk l-attivitajiet immexxija mill-forzi armati, tal-korp tal-pulizija jew tas-servizzi tal-protezzjoni ċivili:
>
> Iżda fil-każ ta' membri tas-servizzi pubbliċi hawn aktar qabel imsemmija, is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandha tiġi żgurata sakemm dan ikun raġonevolment possibbli fil-qies tal-iskop ġenerali ta' dawk is-servizzi."

Bħala regola ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għandu jitqies li huwa materja ta' interess pubbliku. Kull min iħaddem għandu l-obbligu li jipprovdi dik li komunement jissejjaħ '*a safe system of work'*, billi jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' periklu u riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegat, skont ma jipprovdi l-Att numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2) (a) u (b). L-artikolu 2(2)(ċ) tal-istess Att jipprovdi wkoll illi:

> "Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess."

Il-Qorti tqis li d-Dipartiment konvenut naqas milli jipprovdi ambjent sigur li fih jistgħu jaħdmu l-ħaddiema tiegħu, bħalma kien ikun, pereżempju, ilqugħ protettiv li jipprevjeni waqgħat tax-xorta li kellu l-attur. Lanqas ma jidher li kien sar mill-konvenut xi tip ta' *risk assessment* sabiex jiġi stabbilit x'għandu jsir biex waqgħat bħal dawn jiġu evitati. Inutli li f'post tax-xogħol ikun hemm kull tip ta' tagħmir u apparat protettiv jekk fil-ħaddiema ma titrawwimx il-mentalità li dak it-tagħmir u apparat qiegħed hemm mhux biss biex jintuża waqt missjonijiet ta' tifi tan-nar u ta' salvataġġ barra mill-istazzjon, imma anki biex jintuża għall-protezzjoni u s-sigurtà tal-ħaddiema meta jkunu qegħdin jaqdu d-dmirijiet tagħhom ġewwa l-istazzjon. Il-Qorti tqis li f'post tax-xogħol li

huwa ffukat prinċipalment fuq il-ħarsien u l-protezzjoni tal-pubbliku in ġenerali, ikun nuqqas lampanti tal-konvenut jekk ma jipprovdix għal sistema tax-xogħol li tħares is-saħħa tal-ħaddiema mhux biss waqt operazzjonijiet ta' tifi tan-nar u ta' salvataġġ, iżda f'kull aspett tal-ġurnata tax-xogħol tagħhom. Id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Frederick Sammut et *vs.* Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**[38], proprju indirizzat dan l-obbligu partikolari ta' min iħaddem, fejn qalet:

> "Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżerċizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala *bonus paterfamilias,* u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li waqgħa bħal dik tal-attur kienet tkun prevedibbli li kieku sar *risk assessment* fl-istazzjon, u l-fatt li ma kien hemm ebda lqugħ, u l-fatt li l-ebda uffiċjal ma ħeġġeġ lill-attur jew lil sħabu sabiex jieħdu l-miżuri protettivi kollha neċessarji billi pereżempju jagħmlu użu minn tagħmir li jintuża waqt operazzjonijiet ta' salvataġġ, huwa nuqqas serju da parti ta' min iħaddem. Huwa proprju hawnhekk li jirriżulta n-ness ċar bejn in-nuqqas ta' azzjoni xierqa da parti tal-konvenut, u l-inċident li ħalla lill-attur isofri minn debilità permanenti.

[38] 24.11.2017.

F'deċiżjoni oħra tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Fenech et *vs* Chairman tal-Malta Drydocks et**[39], intqal dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana *vs* Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fiit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere*, involut fir-responsabbilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, sħarriġ u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju il-kawża **Galea *vs* Meilaq noe**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*" - **Borg *vs* Wells noe,** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

Hu fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti tikkonkludi li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u għad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident.

[39] 03.12.2010.

*Damnum Emergens:*

L-attur esebixxa rċevuta waħda għall-ħlas ta' €90 li sar ġewwa l-Isptar Da Vinci[40], b'rabta ma' viżti mediċi li hu kellu bżonn jattendi għalihom konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[41], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[42], intqal illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

[40] *A fol.* 128 tal-proċess.
[41] P.A., 18.02.2013.
[42] P.A., 27.04.2005.

L-attur xehed, u ressaq anki xhieda in sostenn ta' dan, li apparti l-impjieg li hu kellu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, hu kien jagħmel ukoll xi xogħol fuq bażi *part-time,* u li minnu kien jipperċepixxi introjtu sostanzjali. Madanakollu mkien ma nġabet prova oġġettiva tad-dħul li l-attur kellu mill-impjiegi li kien jagħmel fuq bażi *part-time.* Barra minn hekk, minn dak li xehdu r-rappreżentanti tad-Dipartimenti tal-VAT u tat-Taxxa, jirriżulta li l-uniku introjtu li l-attur kien jiddikjara għal skopijiet ta' taxxa, kien dak li jirċievi mix-xogħol tiegħu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Jirriżulta ukoll li l-attur qatt ma talab permess lis-superjuri tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel xogħol fuq bażi *part-time,* kif jitolbu r-regoli taċ-Ċivil. In vista ta' dak li xehed l-attur li hu kien jaħdem total ta' ħamsa u tletin siegħa fil-ġimgħa f'ħanut tal-laħam proprjetà ta' Keith Farrugia, il-Qorti tqis li mhuwiex verosimili li l-attur kien jaħdem dawk is-sigħat kollha f'ħanut tal-laħam, tenut kont li l-attur kien jaħdem *shifts* ta' erbgħa u għoxrin siegħa għal numru ta' ġranet fil-ġimgħa mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, f'xogħol laborjuż u li jirrikjedi ħinijiet ta' mistrieħ wara x-xogħol. Għaldaqstant il-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ futur sejra tiġi bbażata fuq il-prova mressqa mill-attur rigward l-introjtu mill-impjieg tiegħu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Mill-kopja tal-FS3 li ġiet esebita, jirriżulta li fis-sena 2012 id-dħul tal-attur mill-impjieg tiegħu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kien ta' €26,448.26, li minnhom iridu jitnaqqsu t-taxxa (€2,707) u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali (€1,775.50), sabiex b'hekk id-dħul nett tal-attur kien ta' €21,965.76. Il-paga tal-attur għas-sena 2012 trid tiġi aġġustata abbażi tal-għoli tal-ħajja[43] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-

[43] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika.

komputazzjoni tagħha l-Qorti, huwa ta' €21,965.76 + €24,285.34 / 2 = €23,125.55.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u ħamsin (55) sena, li hi l-età li kellu l-attur fis-sena 2012, meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 11, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward u Restall et**[44], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

[44] P.A., 10.05.2005.

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku ġudizzjarju Mr Frederick Zammit Maempel, li hu l-aħħar espert mediku li eżamina lill-attur, li d-debilità permanenti sofferta mill-attur hija fil-grad ta' 5%, li hija l-istess rata ta' diżabilità permanenti li wasal għaliha l-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wasslet għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis.

Is-salarju medju ta' €23,125.55 x *multiplier* ta' 11 x 5% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €12,719.05 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi għaxart elef, mija u ħamsa u sebgħin Euro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€10,175.24). Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti u li għandu jiġi mħallas lill-attur mill-konvenut, sabiex b'hekk it-total tad-danni likwidati li għandhom jitħallsu mill-konvenut lill-attur huwa ta' għaxart elef, mitejn u ħamsa u sittin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€10,265.24).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tiddikjara lill-konvenut bħala unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-11 ta' Ottubru, 2012 u li fih sofra diżabilità permanenti l-attur u konsegwentement tiddikjarah bħala responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' għaxart elef, mitejn u ħamsa u sittin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€10,265.24);**

4. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati lill-attur.**

**Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 3038/14 datata 30 ta' Settembru, 2014 u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.